**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 07**

It-Tnejn, 25 ta' Novembru, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

---

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsillera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kuinsiller |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 07.1 Talba

07.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 07.2 Ittri ta' Apoloġija

07.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 07.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti;

07.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Minuti tal-laqgħa numru 6 għadhom mhux lesti.

## 07.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

07.4.1 Is-Sindku Daniel Attard irrimarka li bħalissa l-kunsill m'għandux proġetti għaddejjin u li f'laqgħa preċedenti ssemmew xi proġetti sabiex il-perit imsemmi jibda jaħdem fuq tali proġetti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lis-Sindku li huwa bagħat diversi *emails* u anke pprova jċempel lill-perit iżda qatt ma rnexxielu jagħmel kuntatt miegħu. Is-Sindku rrimarka li f'dan il-każ jiġi mqabbad perit ieħor sabiex jibda jaħdem fuq il-proġetti li kienu ġew diskussi.

07.4.2 *Email* mir-Reġjun Għawdex datata 6 ta' Novembru 2024, rigward proġett tal-Erasmus; European Youth Orchestra sabiex jaraw jekk hemmx żgħażagħ bejn il-15 u l-20 sena, li jistgħu jiffurmaw parti mill-European Youth Orchestra bejn il-11 u s-17 ta' Mejju 2025. Il-kunsilliera nfurmaw li ma jidhirx li hemm żgħażagħ ta' dik l-eta' li jistgħu jieħdu sehem.

07.4.3 *Email* mingħand Mark Gatt datata 13 ta' Novembru 2024, rigward servizzi professjonali ta' Dr. Tanya Sciberras Camilleri fejn skont kif indikat fl-istess *email*, kien ġie miftiehem (skont email datata 24 ta' Frar 2022) li l-Kunsill għandu jħallas 25% tal-ammont hekk kif il-kawża quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar tiġi deċiża. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jibgħat risposta sabiex jintbagħat il-kont bl-ammont li għandu jħallas il-kunsill.

07.4.4 *Email* mingħand Gymnpro Gymnastics datata 15 ta' Novembru 2024 fejn qed jintalab sapport għall-avveniment li ser jiġi organizzat. Is-Sindku rrimakra li bħala promozzjoni tal-avveniment l-kunsill jista' jgħin izda bħala kunsill ma jistax jagħti għajnuna finanzjarja.

07.4.5 Is-Sindku rrimarka li l-*fitness classes* qed ikunu ta' suċċess u qed jissuġġerixxi li jibdew *nutirion classes* u għalhekk titqabbad persuna li tkun *nutritionist* sabiex jingħata kors relatat. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta u għandha tinstab persuna li tista' tagħti dawn il-*classes.*

07.4.6 *Email* mingħand Charles Bezzina datata 19 ta' Novembru 2024, fejn qed jiġi reklamat il-ktieb li ġie ppublikat. Il-kunsilliera qablu li għandha tinxtara kopja għal-librerija.

07.4.7 *Email* mingħand rappreżentant tal-Alberta datata 21 ta' Novembru 2024, rigward l-installazzjoni tas-CCTV's fejn ġie rrimarkat li s-CCTV li ser titwaħħal ħdejn il-knsija tal-Patroċinju ser tkun kerha quddiem il-knisja u għalhekk qed jiġi ssuġġerit post alternattiv. Il-kunsilliera qablu li għandha titwaħħal in-naħa l-oħra tat-triq.

07.4.8 *Email* mingħand Events in Gozo datata 21 ta' Novembru 2024, relatat mal-programm l-Għid f'Għawdex 2025, sabiex sal-10 ta' Jannar 2025 jintbagħtu d-dettalji ta' x'ser isir dik il-ġimgħa tal-Għid.

07.4.9 *Email* datata llum stess rigward problema fir-rampi li jagħtu għal La Vecchia Village. Il-kunsilliera qablu li għandu jitqabbad il-kuntrattur sabiex titranġa tali ħsara.

07.4.10 Is-Sindku rrimarka li għandha tintalab direzzjoni min-naħa tad-Dipartiment rigward il-problema tal-ħamiem speċjalment fi Triq il-Knisja u Triq Salvu Gambin. Il-kunsillier Salvu Felice Pace rrimarka li kien hawn xi apparat li kien qed jintuża sabiex titnaqqas il-problema tal-ħamiem. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li wara ħafna lmenti li s-sistema ma kinitx qed taħdem u li għalhekk tali apparat kien tneħħa u twaqqaf is-servizz li kien qed jingħata.

07.4.11 Is-Sindku rrimarka li reġa talab lill-kuntrattur sabiex tingħata stima għal Triq il-Kanun. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li s'issa ma rċieva l-ebda stima. Il-kunsillier Emanuel Mintoff irrimarka li għandu jiġi vverifikat hemmx xi skema relatata ma toroq rurali.

07.4.12 Is-Sindku rrimarka li hemm ħafna bozoz tat-toroq li mhux jixgħelu. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li rċieva *email* mingħand ir-Reġjun li ser tinbidel is-sistema ta' kif għandhom jiġu rrapurtati l-ħsarat li ser tibda mill-1 ta' Diċembru 2024, u li minn dakinhar huwa ser jirrapporta l-bozoz kollha li mhux qed jixgħelu.

07.4.13 Is-Sindku rrimarka sabiex jiġi vverifikat jekk il-fondi (Development Planning Fund) li għandu l-kunsill jistgħux jintużaw fuq il-proġetti li ssemmew. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li ser jikkomunika mal-Planning Authority sabiex jiġi vverifikat fejn tali fondi jistgħu jintużaw.

07.4.14 Is-Sindku rrimarka li fil-passat kienu saru diversi laqgħat biex il-kunsill jieħu l-*management* tal-Fanal, irrimarka li dawk iż-żminijiet ma kienx hemm interess min-naħa tal-Ministeru sabiex tali tgħaddi f'idejn il-kunsill. Irrimarka li għandha ssir talba għal-laqgħa oħra mal-Ministeru sabiex tali mmaniġjar tal-Fanal jgħaddi f'idejn il-Kunsill.

07.4.15 Is-Sindku rrimarka li saret talba mill-Kappillan tal-parroċċa fejn huwa jixtieq jorganizza regolarment xi attivitajiet mar-residenti li huma waħedhom u li l-kunsill jiffinanzja parti minn tali attivita.

## 07.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

07.5.1 Il-Kunsillier Salvatore Felice Pace saqsa x'intqal waqt il-laqgħa li saret dwar is-Servizzi Ewropej f'Malta. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba nfurmah li min attenda għal tali laqgħa qallu, li tali laqgħa aktar kienet tirrigwarda l-proċedura ta' kif wieħed għandu japplika għal fondi ewropej.

07.5.2 Il-Kunsilliera Liza Mintoff saqsiet jekk din is-sena hux ser jingħataw *hampers.* Is-Sindku rrimarka li tali għandhom jingħataw bħas-snin ta' qabel.

07.5.3 Il-kunsilliera Liza Mintoff wara talba ta' xi residenti ta' Triq Salvu Gambin, saqsiet jekk tali triq tistax issir *one way*. Il-kunsillier Emanuel Mintoff irrimarka li jekk tali triq tiġi *one way,* l-istess triq trid tkun kollha *no parking* għax jekk ikun hemm il-karozzi pparkjati t-trakkijiet ma jgħaddux minn hemm. Irrimarka wkoll li meta kien hemm Tiq il-Wilġa magħluqa t-trakkijiet ma setgħux jgħaddu minn Triq Salvu Gambin minħabba l-karozzi li kien hemm ipparkjati. Għal dan il-għan l-aħjar li ssir laqgħa mar-residenti ta' Triq Salvu Gambin, Triq Dun Karm Caruana u Triq l-Wilġa sabiex iressqu l-opinjonijiet tagħhom.

07.5.4 Il-kunsilliera Liza Mintoff saqsiet jekk jistgħux isiru tlett (3) toqbiet ħdejn il-knisja ta' San Pupulju. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser tiġi mitkellma persuna li ser tieħu ħsieb sabiex jitwaħħlu t-tabelli tat-toroq sabiex jara jistax isir tali xogħol fil-post indikat.

07.5.5 Il-kunsillier Salvu Felice Pace saqsa rigward il-Kalendarju għas-sena 2025. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kompetizzjoni li kien ħareġ il-kunsill għalqet u li għandu r-ritratti sabiex jiġu vverifikati u jkun jista' jibda l-proċess għall-ipprintjar.

07.5.6 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa jekk d-*defribillator* li hemm mal-kunsill hux qed issir manutenzjoni fuqu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li tkellem mal-persuna kkonċernata darbtejn u kellu jiġi jiċċekja iżda sal-ġurnata tal-lum għadu ma ġiex.

07.5.7 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li ġibed l-attenzjoni waqt il-laqgħa tar-Reġjun rigward it-talba tal-kunsill sabiex fil-lokalita' jkun hawn magna tal-BCRS. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li ntbagħtet *email* lill-persuni konċernati bit-talba pero' s'issa għad ma hemmx risposta.

07.5.8 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba saqsa f'liema stadju wasal il-proċess tad-devoluzzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li sa issa ma kellux risposta.

**07.6 Attivitajiet Milied 2024;**

07.6.1 Il-Presepju din is-sena ser isir fil-knisja parrokjali.

07.6.2 Bħas-snin ta' qabel għall-play tal-Milied għandha tingħata tifkira żgħira li kull min jattendi għall-imsemmija play. Ġew ssuġġeriti li jingħataw mug jew tray. Il-Kunsilliera rrimarkaw li s-sena ta' qabel kienu nxtraw għall-valur ta' €1, iżda l-kunsilliera qablu li għandha tingħata tifkira lil kull min jattendi tal-valur li ma jeċċedix l-€4.

07.6.3 Il-Kunsilliera qablu li l-ikla tal-Milied tal-istaff għandha ssir is-Sibt l-4 ta' Jannar 2025.

**07.7 Materji Oħra;**

07.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv saqsa lill-kunsilliera Liza Mintoff sabiex tikkonferma l-ammont ta' ikel li għandu jiġi ordnat mar-Reġjun għall-inizjattiva Milied Solidali 2024 mill-Kunsill Reġjonali Għawdex. Hija nfurmatu li l-ammont li għandu jiġi ordnat huwa għoxrin (20) u li ser tgħaddi l-lista bl-ismijiet fil-jiem li ġejjin.

07.7.2 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba u l-kunsilliera Emanuel Mintoff, Salvatore Felice Pace u Liza Mintoff ikkonfermaw l-attendenza tagħhom għall-festin li ser jiġi organizzat fl-1 ta' Diċembru 2024 mill-Kunsill Reġjonali Għawdex.

07.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li s-siġra tas-Sebuqa tħawwlet fil-wied ta' quddiem il-Knisja tal-Patroċinju u li reġgħu ttieħdu xi kampjuni sabiex ikunu jistgħu jitħawwlu aktar siġar tas-Sebuqa.

07.7.4 Il-persuna nkarigata mit-tħawwil tas-siġra tas-Sebuqa rrimarkat li fil-wied quddiem il-Knisja tal-Patroċinju hemm ħafna siġar ta' l-Oleander li huma siġar invażivi u li hemm bżonn li jinġab permess mill-ERA sabiex tali Oleander jitneħħew u jitħawwlu siġar aktar addatti għal dak il-Wied.

07.7.5 *Email* mingħand Illuminated Trail Malta datata 11 ta' Novembru 2024, fejn qed jinfurmaw li ser ikun hemm prezz ridott għal gruppi ta' għoxrin (20) u aktar. Is-Segretarju Eżekuttiv ssuġġerixxa li jekk ikun hemm interess, tali tista' tiġi nkluża fil-ħarġa ta' Malta li jorganizza l-Kunsill.

07.7.6 Il-Kunsilliera qablu li għandha tingħata s-somma ta' €100 lil-librara sabiex tkun tista' tixtri kotba ġodda għall-użu tal-librerija. Għandu jiġi vverifikat ukoll rigward skema li kien hemm fil-passat relatata max-

xiri ta' kotba għal-librerija.

07.7.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-ixkaffar tal-injam li hemm fil-librerija qed jispiċċa u li ntalbet stima sabiex jinxtraw xkaffar ġdid tal-ħadid. Il-kunsilliera qablu li tali xkaffi għandhom jinbidlu.

07.7.8 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li meta għamlet ix-xita kien beda jidħol l-ilma fil-librerija u l-kunsilliera għalhekk qablu li għandu jiġi vverifikat minn fejn qed jidħol l-ilma sabiex issir il-manutenzjoni meħtieġa.

07.7.9 Xi residenti saqsew għal mhux qed jiġi offrut is-servizz tal-Free Wifi fil-pjazza. Ġie rrimarkat li tali servizz fil-passat kien mqabbad mal-knisja u li ma tantx kellu użu.

07.7.10 Residenta lmentat li meta sar il-*playing field* nbidlet tappiera u li għalhekk l-ilma m'għadux jgħaddi għall-għalqa tagħha u li kuntrattur snin ilu kien għamel il-ħsara fil-bankina tar-residenza tagħha. Il-kunsilliera qablu li tali ma jistgħux jitranġaw mill-kunsill iżda mill-kuntratturi rispettivi.

**07.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti;**

07.8.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-06 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

**07.9 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

06.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:30 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 11 ta' Diċembru 2024 fil-5:30 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar it-Tnejn 27 ta' Jannar 2025.

| | |
|---|---|
| **Dr. Daniel Attard** | **Silvio Xerri** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |